## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 1 ta' April, 2019**

**Talba Nru: 575/2018PM1**

**Jazz International Marketing Limited (C7379)**

**Vs**

**St. John's Pharma Trading Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tnax (12) ta' Dicembru, 2018 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' €2597.52 rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-intimata u dana kif se jirrizulta waqt il-mori tal-kawza bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-intimata ingunta in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz tat-talba.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 11 ta' Frar, 2019 li permezz taghha l-istess socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. Preliminarjament il-*privilegium fori* ai termini tal-art. 767 et. seq. tal-Kap. 12 stante illi s-socjeta` intimata hija residenti Ghawdex u l-partijiet t-tnejn qablu u fil-fatt ghamlu n-negozju ta' bejniethom interament gewwa Ghawdex.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-mertu t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma hux minnu illi s-socjeta` intimata hija kreditrici tas-socjeta` rikorrenti izda debitrici stante illi l-prodotti (li huma prodotti specifici hafna) gew ikkonsenjati lis-socjeta` esponenti mis-socjeta` rikorrenti kif, meta u bil-kwalita` li kienet tiddetermina r-rapprezentanti taghha, Dr. Isabelle Azzopardi stess sabiex waqt li kienet tkun fl-ispizerija kienet tkun tista' tordnahom hi lil klijenti taghha stess. Ghalhekk xi stokk kellha s-socjeta` intimata kienet totalment fid-diskrezzjoni u ghazla tas-socjeta` rikorrenti biex tkun dejjem f'posizzjoni li jkollha l-istokk accessibbli ghaliha. Huwa fatt illi l-bejgh ta' dan l-istokk huwa marbut esklussivament mar-ricetti li kienet tohrog Dr. Azzopardi ghaliex il-prodotti ma humiex it-tip li wiehed jista' jsejhilhom *over the counter*.

3. Fil-fatt il-ftehim vigenti bejn il-partijiet mill-bidu nett kien illi s-socjeta` izzomm il-prodotti u thallas wara li tkun bieghhithom.

4. Illi s-socjeta` konvenuta ghalhekk ma ghandha l-ebda merkanzija li kienet mibjugha u kkonsenjata lilha izda pjuttost ghandha merkanzija li kienet hallset ghaliha li ma gietx mibjugha u ghalhekk ghandha kreditu fil-konfront tas-socjeta` attrici u fir-rigward ser taghmel talba appozita.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Ra wkoll il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta li, permezz taghha, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, s-socjeta` konvenuta talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta` attrici thallas is-somma ta' €2503.99 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija bl-ispejjez u bl-imghax skont il-ligi bl-ingunzjoni tar-rikonvenuta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` attrici ghall-kontro-talba permezz ta' liema gie eccepit li t-talba rikonvenzjonali ghandha tigi michuda stante li s-socjeta` rikorrenti m'ghandha tixtri u thallas xejn hi ta' merkanzija li giet mibjugha lill-intimati kif minnhom stess ordnat; bl-ispejjez.

Ra li li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta wara dak verbalizzat fis-seduta tal-25 ta' Marzu, 2019 u cioe` li, fir-rigward ta l-ewwel eccezzjoni preliminari imressqa mis-Socjeta' ntimata, il-partijiet qablu li l-istess socjeta' intimata hija kumpanija registrata b'indirizz f'Ghawdex u li n-negozju mertu tal-kawza wkoll sar Ghawdex u in vista ta' din d-dikjarazzjoni il-partijiet iddikjaraw ukoll li ma ghandhomx provi xi jressqu fir-rigward ta l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-*privilegjum fori*. L-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw ukoll illi ghal fini ta' trattazzjoni qed jistriehu fuq l-atti u artikli applikabbli tal-ligi.

**Ikkunsidra**

Illi din is-sentenza tittratta limitatament l-ewwel eccezzjoni preliminari imressqa mis-socjeta` intimata fir-rigward tat-talba odjerna liema eccezzjoni taqra' hekk: "*Preliminarjament il-privilegium fori ai termini tal-art. 767 et. Seq. Tal-Kap. 12 stante illi s-socjeta` intimata hija residenti Ghawdex u l-partijiet t-tnejn qablu u fil-fatt ghamlu n-negozju ta' bejniethom interament gewwa Ghawdex.*"

Illi l-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ricentement kellha l-opportunita` li tittratta u tiddeciedi jekk tali eccezzjoni tistax tigi sollevata b'success fil-kuntest ta' proceduri quddiem it-Tribunal odjern u f'dan ir-rigward iddecidiet is-segwenti:

"*Ghal dak li jirrigwarda t-Tribunal ghal Talbiet Zghar, l-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) ma johloqx Tribunal ghal Malta u iehor ghal Ghawdex. Ghalhekk l-artikolu 767 tal-Kap. 12 ma japplikax ghalih (ara f'dan ir-rigward sentenza ta' din il-qorti tal-11 ta' Lulju, 2002 fl-ismijiet John Portelli et vs Victor Cachia et). F'dik is-sentenza l-qorti qalet: "Minn qari ta' l-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) ma jirrizulta li hemm l-ebda provvediment f'din il-ligi li jaghti beneficcju simili lill-konvenut, jew li jaghmel l-Artikoli fuq citati tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) applikabbli ghall-proceduri li jigu ntavolati quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. L-uniku haga li jistipula l-Kap. 380 huwa li t-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f'Malta u Ghawdex u "sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha" (Artikolu 3[4] tal-Att numru V ta' l-1995). Il-kliem "sa fejn ikun prattikabbli" (as far as practicable fit-test Ingliz) huwa kliem car u jhalli l-kwistjoni fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. It-Tribunal qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'mod partikolari l-fatt li l-incident sehh f'Ghawdex u li l-parti l-kbira tax-xhieda jghixu f'Ghawdex, u wasal ghall-konkluzjoni li jkun iktar prattikabbli li l-kaz jinstema' f'Ghawdex. L-appellanti ma ressqu l-ebda raguni valida ghalfejn id-diskrezzjoni ezercitata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghandha tigi disturbata".*

*6.5 Tant jezisti Tribunal wiehed li l-artikolu 10(4) tal-Kap. 380 jipprovdi:- "(4) Deċiżjoni ta' Tribunal li tkun għaddiet f'ġudikat tista' tkun eżegwibbli, skont fejn tkun ir-residenza tal-persuna li kontra tagħha tintalab l-eżekuzzjoni, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), bħallikieku d-deċiżjoni kienet sentenza ta' qorti jew oħra". (...)*

*6.9 Meqjus dak li nghad hawn fuq, l-appellanti ghandha ragun li l-ewwel eccezzjoni kellha tigi michuda u mhux tintlaqa', u wara t-Tribunal seta' mbaghad jaghti provvediment fejn jaghti l-ordni kontemplata fl-artikolu 3(4) tal-Kap. 380.*

*6.10 Ghalhekk il-qorti ser tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn laqat l-ewwel eccezzjoni.* » (**Silvana Galdolfo Mazza v. Arriva Malta Limited et.** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 2018).

Ta' min jghid ukoll li dan l-istess Tribunal ilu jabbraccja l-istess posizzjoni legali kif hawn fuq indikata (ara f'dan is-sens decizjonijiet tat-Tribunal kif diversament presjedut fl-ismijiet **Michael Buttigieg v. Stephen Schembri** moghtija fit-23 ta' Mejju, 2005 u **Margaret Xuereb v. Ernest Cilia noe.** moghtija fil-25 ta' Mejju, 2006 u **Angelo Axiaq v. Montagno Logistics Limited et.** moghtija fis-7 t'Ottubru, 2006).

Fil-kaz in ezami t-Tribunal ma jistax ma jqisx dak dikjarat miz-zewg partijiet kif verbalizzat waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu, 2019 u cioe` "***li l-istess Socjeta' ntimata hija kumpanija registrata b'indirizz f'Ghawdex u li n-negozju mertu tal-kawza wkoll sar Ghawdex.***" (enfazi mizjuda) Huwa minnu li s-socjeta` intimata ghazlet illi, oltre li twiegeb ghall-istess talba tas-socjeta` attrici tipprezenta hija stess il-kontro-talba taghha fil-konfront tal-istess socjeta` attrici. Madanakollu it-Tribunal ma jistax ma jikkunsidrax ukoll li anke tali kontro-talba hija marbuta mal-istess negozju bejn il-kontendenti li sehh f'Ghawdex kif minnhom stess verbalizzat u kwindi x-xhieda relattivi huma wkoll, almenu fil-maggjor parti taghhom, residenti Ghawdex .

Illi ghaldaqstant it-Tribunal ihoss li jkun opportun li, in vista ta' dak verbalizzat bejn il-partijiet u wkoll in vista tal-fatt li anke l-istess xhieda tas-socjeta` attrici kif minnhom stess indikati fl-avviz tat-talba (fol. 10 tal-process) jirrisjedu u/jew jahdmu Ghawdex, jezercita d-diskrezzjoni moghtija lilu mill-art. 3(4) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed, filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta sakemm kompatibbli mas-surreferit, jordna a tenur tal-art. 3(4) tal-**Att dwar**

**it-Tribunal ghal Talbiet Zghar** li r-Registratur jassenja l-kawza odjerna lit-Tribunal kif diversament presjedut u dana sabiex il-kawza odjerna tkompli tinstema' u tigi deciza mill-istess Tribunal kif diversament presjedut fil-Gzira t'Ghawdex.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**